SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

4 ta' Settembru 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Ftehim qafas bejn l-ETUC, l-UNICE u ċ-ĊEEP dwar xogħol għal żmien determinat – Klawżola 4 – Għalliema li jkunu kisbu esperjenza professjonali fi ħdan ċerti istituzzjonijiet skolastiċi li l-funzjonament u l-organizzazzjoni tagħhom ma jaqgħux taħt l-Istat – Reklutaġġ għal żmien indeterminat fi ħdan istituzzjonijiet skolastiċi tal-Istat – Determinazzjoni tal-anzjanità għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix it-teħid inkunsiderazzjoni ta' perijodi ta' servizz imwettqa f'ċerti istituzzjonijiet skolastiċi li l-funzjonament u l-organizzazzjoni tagħhom ma jaqgħux taħt l-Istat – Differenza fit-trattament ibbażata fuq kriterju għajr in-natura determinata jew indeterminata tar-relazzjoni ta' xogħol – Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Applikabbiltà – Assenza ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni"

Fil-Kawża C-543/23 [Gnattai] [i],

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale di Padova (il-Qorti Distrettwali ta' Padova, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Awwissu 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Awwissu 2023, fil-proċedura

AR

vs

Ministero dell'Istruzione e del Merito,

fil-preżenza ta':

Anief – Associazione Professionale e Sindacale,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn I. Jarukaitis, President tal-Awla, N. Jääskinen, A. Arabadjiev (Relatur), M. Condinanzi u R. Frendo, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: G. Chiapponi, Amministratur,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-12 ta' Marzu 2025,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal AR, minn G. Rinaldi u N. Zampieri, avvocati,

– għal Anief – Associazione Professionale e Sindacale, minn A. Dal Ferro, F. Ganci u W. Miceli, avvocati,

– għall-Gvern Taljan, minn S. Fiorentino u G. Palmieri, bħala aġenti, assistiti minn A. Berti Suman u L. Fiandaca, avvocati dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn S. Delaude u D. Recchia, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 157 TFUE, tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), tal-klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim qafas"), li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368), tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23), tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79), tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), kif ukoll tal-Karta Soċjali Ewropea, iffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961, kif ireveduta (iktar 'il quddiem il-"Karta Soċjali Ewropea").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn AR u l-Ministero dell'Istruzione e del Merito (il-Ministeru għall-Edukazzjoni u għall-Mertu, l-Italja) (iktar 'il quddiem il-"Ministeru għall-Edukazzjoni") dwar id-determinazzjoni tal-anzjanità tas-servizz tiegħu.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont il-klawżola 1 tal-Ftehim qafas, l-għan tiegħu huwa, minn naħa, li jtejjeb il-kwalità tax-xogħol għal żmien determinat billi jiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u, min-naħa l-oħra, li jistabbilixxi qafas sabiex jiġi evitat l-abbuż li jirriżulta mill-użu ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet tax-xogħol għal żmien determinat suċċessivi.

4 Il-klawżola 2 ta' dan il-ftehim qafas, intitolata "L-iskop", tipprevedi, fil-punt 1 tagħha:

"Dan il-ftehim japplika għal ħaddiema għal terminu fiss li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit fil-liġi, fil-ftehim kollettiv jew fil-prattika f'kull Stat Membru."

5 Il-klawżola 3 tal-imsemmi ftehim, intitolata "Definizzjonijiet", hija fformulata kif ġej:

"1. Għall-iskop ta' dan il-ftehim il-kliem 'ħaddiem għal terminu fiss' ifisru persuna li jkollha kuntratt jew relazzjoni ta' l-impjieg dirett bejn min jimpjiega u ħaddiem meta l-aħħar tal-kuntratt jew tar-relazzjoni ta' l-impjieg hu ddeterminat b'kondizzjonijiet oġġettivi bħal li jilħaq data speċifika, ilesti xogħol speċifiku, jew it-twettiq ta' każ speċifiku.

2. Għall-iskop ta' dan il-ftehim, il-kliem 'ħaddiem kumparabbli permanenti' ifissru ħaddiem b'kuntratt jew relazzjoni ta' impjieg għal żmien indefinit, fl-istess stabbiliment, ingaġġat fl-istess xogħol jew xogħol/impjieg simili, wara li tingħata attenzjoni xierqa lill-kwalifiki/kapaċitajiet. Meta ma jkun hemm ebda ħaddiem kumparabbli permanenti fl-istess stabbiliment, il-paragun għandu jsir b'referenza għall-ftehim kollettiv applikabbli, jew meta ma jkun hemm ebda ftehim kollettiv applikabbli, skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv jew il-prattika."

6 Il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, intitolata "Il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni", tipprevedi:

"1. Fejn għandhom x'jaqsmu l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, ħaddiema għal terminu fiss m'għandhomx jiġu trattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiem kumparabbli permanenti biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva.

[…]

4. Kwalifiki ta' perjodu ta' servizz relatati għall-kondizzjonijiet partikolari ta' l-impjieg għandhom ikunu l-istess għal ħaddiema għal terminu fiss kif ukoll għal ħaddiema permanenti ħlief meta kwalifiki ta' tul ta' servizz differenti huma ġustifikati fuq bażi oġġettivi."

Id-dritt Taljan

7 L-Artikolu 485 tad-decreto legislativo n 297 – Approvazione del testo unico delle disposizioni legislative vigenti in materia di istruzione, relative alle scuole di ogni ordine e grado (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 297 dwar l-approvazzjoni tat-test ikkonsolidat tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi

applikabbli fil-qasam tat-tagħlim relatat ma' skejjel ta' kull tip u ta' kull livell) tas-16 ta' April 1994 (GURI Nru 115 tad-19 ta' Mejju 1994, Suppliment Ordinarju Nru 79.iktar 'il quddiem, id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994") jipprovdi:

"Il-perijodi ta' servizz imwettqa minn għalliema b'kuntratti għal żmien determinat fi skejjel sekondarji tal-Istat jew assimilati, u fi skejjel tal-arti, inklużi dawk li jinsabu barra mill-pajjiż, għandhom jiġu rrikonoxxuti bħala perijodi ta' servizz imwettaq b'mod permanenti għal finijiet legali u salarjali […]

2. Għall-istess finijiet u bl-istess mod bħal fil-paragrafu 1, huma rrikonoxxuti, għall-persunal li hemm riferiment għalih hemmhekk, il-perijodi ta' servizz imwettqa fi skejjel ta' istuzzjonijiet tal-Istat għall-edukazzjoni tal-bniet, u dawk imwettqa bħala għalliema ta' skejjel primarji permanenti u mhux permanenti fi skejjel primarji tal-Istat jew skejjel assimilati, inklużi dawk tal-istituzzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq u dawk li jinsabu barra mill-pajjiż, kif ukoll fi skejjel għall-adulti, skejjel issussidjati jew skejjel sussidjarji.

3. Għall-istess finijiet u bl-istess mod bħal fil-paragrafu 1, il-perijodi ta' servizz irrikonoxxuti, għall-persunal li jgħallem fi skejjel primarji, bħala għalliem mhux permanenti fi skejjel primarji tal-Istat jew skejjel ta' istituzzjonijiet tal-Istat għall-edukazzjoni tal-bniet jew skejjel assimilati, fi skejjel sekondarji u artistiċi tal-Istat jew skejjel omologi, fi skejjel għall-adulti, skejjel issussidjati jew skejjel sussidjarji, […]"

8 L-Artikolu 1 tal-legge n. 62 – Norme per la parità scolastica e disposizioni sul diritto allo studio e all'istruzione (il-Liġi Nru 62 – Regoli għall-ugwaljanza fl-edukazzjoni u dispożizzjonijiet dwar id-dritt għall-istudju u għat-tagħlim) tal-10 ta' Marzu 2000 (GURI Nru 67 tal-21 ta' Marzu 2000, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 62/2000"), jipprovdi:

"1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33(2) tal-Kostituzzjoni, is-sistema edukattiva nazzjonali hija magħmula minn skejjel tal-Istat kif ukoll minn skejjel privati u komunali assimilati. L-għan prinċipali tar-Repubblika huwa li testendi l-provvista tal-edukazzjoni u li tiġġeneralizza d-domanda korrispondenti għat-tagħlim tul il-ħajja mit-tfulija.

2. Għall-finijiet kollha skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli, partikolarment fir-rigward tal-awtorità għall-għoti ta' kwalifiki edukattivi legalment irrikonoxxuti, 'skejjel assimilati' għandha tinftiehem fis-sens ta' istituzzjonijiet skolastiċi mhux tal-Istat – inklużi muniċipali – li, mil-livell tal-kindergarten 'il quddiem, jikkonformaw mar-regolamenti edukattivi ġenerali, jissodisfaw il-ħtiġijiet edukattivi tal-familji, u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalità u effettività stabbiliti fil-paragrafi 4, 5, u 6.

3. L-iskejjel privati assimilati jibbenefikaw minn libertà totali fir-rigward tal-orjentazzjoni kulturali u pedagoġika didattika. Fid-dawl tal-kunċett edukattiv tal-iskola, it-tagħlim huwa ispirat mill-prinċipji fundamentali minquxa fil-Kostituzzjoni. Peress li l-iskejjel assimilati jipprovdu servizz pubbliku, huma għandhom jilqgħu lil dawk kollha li jaċċettaw il-kunċett edukattiv tagħhom u japplikaw, inklużi tfal tal-iskola u studenti b'diżabbiltà. Il-kunċett edukattiv għandu jiddetermina, fejn xieraq, l-orjentazzjoni kulturali jew reliġjuża. Madankollu, l-attivitajiet ekstrakurrikulari li jippreżupponu jew jeżiġu l-appartenenza għal ideoloġija jew twemmin reliġjuż partikolari ma humiex obbligatorji għall-istudenti.

4. L-assimilazzjoni hija rrikonoxxuta lill-iskejjel mhux tal-Istat li jitolbuha, li jimpenjaw ruħhom espressament li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

a) ikollhom approċċ edukattiv konformement mal-prinċipji tal-Kostituzzjoni u pjan edukattiv konformement mar-regoli u d-dispożizzjonijiet applikabbli; jipprovdu ċertifikat li jinnomina l-uffiċjal tal-amministrazzjoni u jippubblikaw il-kontabbiltà tagħhom;

b) ikollhom bini, għamara u materjal didattiku adattati għat-tip ta' skola u konformi mar-regoli fis-seħħ;

c) il-korpi kulleġġjali tal-iskola jkunu stabbiliti u joperaw abbażi ta' parteċipazzjoni demokratika;

d) l-iskola taċċetta lill-istudenti kollha li japplikaw għaliha l-ġenituri, bil-kundizzjoni li jkollhom ċertifikat ta' kwalifika validu sabiex jiġu ammessi fil-livell li jixtiequ jsegwu;

e) ikunu japplikaw ir-regoli kollha applikabbli għall-integrazzjoni ta' studenti b'diżabbiltà jew żvantaġġati;

f) jiġu organizzati korsijiet sħaħ; l-assimilazzjoni ma tistax tingħata għal klassijiet individwali, ħlief meta jiġu introdotti korsijiet kompleti ġodda, li għandhom jibdew bl-ewwel klassi;

g) l-għalliema għandu jkollhom ċertifikat ta' kompetenza professjonali;

h) il-persunal amministrattiv u l-għalliema jaħdmu taħt kuntratti individwali ta' impjieg skont il-ftehim kollettiv nazzjonali settorjali."

9 L-Artikolu 2(2) tad-Decreto-legge n. 255 – Disposizioni urgenti per assicurare l'ordinato avvio dell'anno scolastico 2001/2002 (id-Digriet-Liġi Nru 255 dwar dispożizzjonijiet urġenti sabiex jiġi żgurat il-bidu ordnat tas-sena skolastika 2001/2002) tat-3 ta' Lulju 2001 (GURI Nru 153 tal-4 ta' Lulju 2001, iktar 'il quddiem id-"Digriet-Liġi Nru 255/2001"), jipprevedi li, minflok jorganizza kompetizzjonijiet pubbliċi sabiex jirrekluta b'mod indeterminat persunal inkarigat li jgħallem, il-Ministeru għall-Edukazzjoni għandu jirrikorri għal-listi ta' riżerva permanenti, li issa huma disponibbli sakemm jiġu eżawriti, li fil-kuntest tagħhom "[l]-attivitajiet ta' tagħlim imwettqa mill-1 ta' Settembru 2000 fl-iskejjel assimilati […] għandhom jitqiesu bl-istess mod bħall-attivitajiet ta' tagħlim imwettqa fl-iskejjel tal-Istat."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 AR, għalliem awtorizzat jgħallem il-lingwa Taljana, l-istorja u l-ġeografija, ħadem fi skola "assimilata", fis-sens tal-Artikolu 1(2) tal-Liġi Nru 62/2000, matul il-perijodu bejn is-sena 2002 u s-sena 2007, abbażi ta' ħames kuntratti għal żmien determinat.

11 Fl-1 ta' Settembru 2008, AR ġie rreklutat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni għal żmien indeterminat sabiex jeżerċita l-professjoni tiegħu ta' għalliem fi skola tal-Istat. Fil-kuntest tar-riklassifikazzjoni tal-karriera ta' dan l-għalliem, imwettqa matul dan ir-reklutaġġ, dan il-ministeru kklassifikah fil-kategorija ta' remunerazzjoni li tikkorrispondi għal "sena ta' anzjanità żero". Fil-fatt, l-imsemmi ministeru qies, essenzjalment, li l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv

Nru 297/1994 ma kienx jippermetti li jittieħdu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-kalkolu tal-anzjanità tas-servizz tar-rikorrent fil-kawża prinċipali, is-snin ta' xogħol imwettqa fis-servizz ta' din l-iskola assimilata.

12 AR adixxa lit-Tribunale di Padova (il-Qorti Distrettwali ta' Padova, l-Italja), li hija l-qorti tar-rinviju, b'rikors intiż sabiex il-Ministeru għall-Edukazzjoni jieħu inkunsiderazzjoni l-anzjanità fis-servizz li huwa kien kiseb minħabba l-impjieg tiegħu fi ħdan l-iskola assimilata, billi sostna li l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994 jikkostitwixxi ksur tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas kif ukoll tal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta.

13 Fil-25 ta' Frar 2022, l-assoċjazzjoni sindakali mingħajr skop ta' lukru Anief – Associazione Professionale e Sindacale intervjeniet fil-proċedura quddiem din il-qorti.

14 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, skont id-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994, tliet tipi ta' skejjel privati kienu rrikonoxxuti mill-Ministeru għall-Edukazzjoni bħala ekwivalenti għall-iskejjel tal-Istat, jiġifieri l-iskejjel approvati, l-iskejjel legalment irrikonoxxuti u l-iskejjel omologi. Dan id-digriet leġiżlattiv kien jipprevedi, barra minn hekk, li l-esperjenza professjonali miksuba mill-għalliema fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-funzjoni tagħhom, b'mod partikolari, ma' skejjel omologi u skejjel approvati, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tar-riklassifikazzjoni tal-karriera ta' dawn l-għalliema fil-mument tar-reklutaġġ tagħhom għal żmien indeterminat minn dan il-ministeru.

15 Il-Liġi Nru 62/2000 issostitwixxiet dawn it-tliet kategoriji ta' skejjel privati b'kategorija waħda ta' skejjel, imsejħa "skejjel assimilati". Skont l-Artikolu 2(2) tad-Digriet-Liġi Nru 255/2001, l-esperjenza professjonali miksuba mill-għalliema fil-kuntest ta' impjieg eżerċitat fi skola li, wara l-1 ta' Settembru 2000, tiġi rrikonoxxuta bħala skola assimilata għandha titqies, għall-finijiet tar-reklutaġġ għal żmien indeterminat ta' dawn l-għalliema mill-istess Ministeru, bħala ekwivalenti għal dik miksuba fil-kuntest ta' impjieg ma' skejjel tal-Istat. Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja) jirriżulta li din l-ewwel esperjenza ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tar-riklassifikazzjoni tal-karriera tal-imsemmija għalliema mwettqa fil-mument tar-reklutaġġ tagħhom għal żmien indeterminat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, għad-determinazzjoni tal-kategorija ta' anzjanità li għandhom jiġu kklassifikati fiha, minħabba, b'mod partikolari, l-assenza ta' dispożizzjoni leġiżlattiva li tippermetti tali teħid inkunsiderazzjoni.

16 Il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar il-kompatibbiltà, mal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, tal-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni ta' dawn l-istess għalliema, tal-esperjenza professjonali miksuba fi skejjel assimilati.

17 Fil-fatt, din l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni twassal sabiex l-għalliema li jkunu ħadmu fil-kuntest ta' relazzjonijiet għal żmien determinat fl-iskejjel assimilati jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli mill-għalliema li jkunu wettqu l-istess perijodu ta' xogħol abbażi ta' kuntratti għal żmien indeterminat fl-iskejjel tal-Istat, li l-esperjenza miksuba fit-tagħlim tagħhom tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni tagħhom, minħabba li dawn l-ewwel għalliema ma jkunux għaddew minn kompetizzjoni ta' aċċess għas-servizz pubbliku.

18 Madankollu, is-sitwazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ kategoriji ta' għalliema jkunu paragunabbli, peress li ma hemm ebda differenza bejn il-funzjonijiet, it-taħriġ, il-kompiti u l-obbligi professjonali ta' għalliem għal żmien indeterminat li jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu fi skola tal-Istat u dawk ta'

għalliem għal żmien determinat li jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu fi skola assimilata u peress li l-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) irrikonoxxiet li dawn iż-żewġ kategoriji ta' skejjel huma ugwali "f'kull aspett".

19 Il-qorti tar-rinviju tqis, barra minn hekk, li n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni, tal-esperjenza miksuba fi skejjel assimilati ma huwiex iġġustifikat mill-fatt li dawn l-iskejjel jikkostitwixxu stabbilimenti privati. Fil-fatt, il-kompetenza li tirriżulta mill-esperjenza hija indipendenti mill-kwalità privata jew pubblika tal-persuna li timpjega. Barra minn hekk, il-leġiżlatur nazzjonali ppermetta t-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-kalkolu tal-anzjanità, tal-perijodi ta' tagħlim imwettqa ma' persuni li jimpjegaw kemm privati kif ukoll pubbliċi, inklużi dawk imwettqa mill-għalliema għal żmien determinat fl-iskejjel tal-Istat.

20 Dan in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni lanqas ma huwa ġġustifikat mid-differenzi bejn il-modalitajiet ta' reklutaġġ tal-għalliema fl-iskejjel assimilati u l-modalitajiet ta' reklutaġġ tal-għalliema fl-iskejjel tal-Istat. Fil-fatt, l-eżistenza ta' kompetizzjoni pubblika li tagħti aċċess għat-tagħlim għal żmien indeterminat fl-iskejjel tal-Istat ma hijiex rilevanti, peress li l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994 jipprevedi t-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-kalkolu tal-anzjanità waqt ir-reklutaġġ għal żmien indeterminat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, ta' perijodi ta' servizz imwettqa kemm fi skejjel li fihom l-għalliema jiġu rreklutati permezz ta' kompetizzjoni kif ukoll fi skejjel fejn dan ma huwiex il-każ.

21 Il-qorti tar-rinviju tqis li n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni, tax-xogħol ta' tagħlim imwettaq fi skejjel assimilati jmur ukoll kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, stabbilit fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta. F'dan ir-rigward, hija tirrileva li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tagħmel differenza ta' trattament inġustifikata bejn l-għalliema tal-iskejjel assimilati u l-għalliema, b'mod partikolari, tal-iskejjel preċedenti omologi u akkreditati, ikkonvertiti fi "skejjel assimilati" matul is-sena 2000. Fil-fatt, l-esperjenza miksuba fi ħdan skola assimilata hija ta' kwalità u ta' valur ogħla minn dik miksuba fi skejjel privati oħra. Madankollu, hija biss din l-aħħar esperjenza li tista' tittieħed inkunsiderazzjoni, skont l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994, għall-finijiet tar-rikonoxximent ta' ċerta anzjanità tas-servizz.

22 Barra minn hekk, dan l-Artikolu 485 imur kontra l-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn jagħmel differenza fit-trattament bejn l-għalliema tal-iskejjel assimilati u l-għalliema għal żmien determinat tal-iskejjel tal-Istat.

23 Skont il-qorti tar-rinviju, il-Karta hija applikabbli għal din il-kawża, peress li, minn naħa, din għandha l-għan li tiddetermina jekk in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tax-xogħol għal żmien determinat imwettaq fl-iskejjel assimilati, prevista fl-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994, huwiex konformi mal-għan tal-Ftehim qafas li tittejjeb il-kwalità tax-xogħol għal żmien determinat, billi tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, u li, min-naħa l-oħra, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali huwa "ħaddiem għal żmien determinat", fis-sens tal-klawżola 3(1) ta' dan il-ftehim qafas. Barra minn hekk, att tad-dritt nazzjonali huwa att ta' "implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, peress li jikkonċerna qasam li jaqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea. Din il-kawża, li tikkonċerna l-kundizzjonijiet li fihom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-perijodi ta' tagħlim imwettqa mill-għalliema għal żmien determinat għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni tagħhom waqt ir-reklutaġġ tagħhom mill-Ministeru għall-Edukazzjoni bħala għalliema għal żmien indeterminat, taqa' mingħajr dubju taħt l-"implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni", fis-sens ta' dan

l-Artikolu 51(1), peress li tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas. F'dan ir-rigward, għandha tiġi eżaminata l-kompatibbiltà tal-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994 mal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, kif sanċiti wkoll mill-Artikolu 157 TFUE, mill-Artikolu 14 tal-KEDB, mill-Karta Soċjali Ewropea kif ukoll mid-Direttivi 2000/43 u 2000/78.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale di Padova (il-Qorti Distrettwali ta' Padova) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) Il-klawżola 4(1) tal-[Ftehim qafas] u l-prinċipju ġenerali tad-dritt [tal-Unjoni] ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam tal-kundizzjonijiet ta' impjieg, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 21 tal-[Karta], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik li tidher fl-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994 li, fis-sens li attribwietlu l-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema ta' Kassazzjoni) (ara s-sentenzi tal-Awla tax-Xogħol Nri. 32386/2019, 33134/2019 u 33137/2019) jipprevedi għall-impjegati b'kuntratt għal [żmien] determinat tal-iskejjel assimilati previsti bil-Liġi Nru 62/2000 trattament inqas favorevoli, fil-kuntest tar-rikostruzzjoni tal-karriera tagħhom, meta mqabbla mal-impjegati b'kuntratt għal żmien indeterminat tal-[Ministeru għall-Edukazzjoni], għal unika raġuni li huma ma humiex rebbieħa ta' kompetizzjoni pubblika jew li għallmu fi skola assimilata legalment rikonoxxuta, minkejja li l-għalliema b'kuntratt għal żmien determinat tal-iskejjel assimilati jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-għalliema b'kuntratt għal żmien indeterminat tal-iskejjel tal-Istat għal dak li jikkonċerna t-tip ta' xogħol u l-kundizzjonijiet għal taħriġ u għal impjieg, sa fejn iwettqu l-istess kompitu u għandhom l-istess kompetenzi fis-suġġett mgħallem, l-istess kompetenzi pedagoġiċi, metodoloġiċi u didattiċi, ta' organizzazzjoni u relazzjonali u ta' riċerka, miksuba bl-esperjenza tat-tagħlim, esperjenza li l-istess leġiżlazzjoni interna tirrikonoxxi bħala identika għall-finijiet tar-reklutaġġ għal tul indeterminat bl-effett tal-iżvolġiment tal-listi ta' riżerva permanenti, issa validi sal-eżawriment (ara l-Artikolu 2(2) tad-Digriet-Liġi Nru 255/2001)?

2. Fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttiva 1999/70, il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ta' ugwaljanza, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam tal-impjieg, stabbiliti wkoll fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, fl-Artikolu 14 tal-[KEDEB], bil-[Karta Soċjali Ewropea] u fl-Artikolu 157 TFUE u bid-[Direttivi 2000/43 kif ukoll 2000/78], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regola bħala dik li tidher fl-Artikolu 485 tad-Digriet-Liġi Nru 297/1994, li timponi li għall-finijiet tar-remunerazzjoni, waqt ir-rikostruzzjoni tal-karriera, jitqiesu esklużivament il-perijodi ta' tagħlim [imwettqa] fis-servizz tal-istess Ministeru [għall-Edukazzjoni] jew l-iskejjel approvati, omologi, issussidjati jew sussidjarji, popolari u tal-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni ta' bniet żgħar minn fejn ġejjin l-għalliema, li tittratta b'hekk b'mod inqas favorevoli u li tiddiskrimina, waqt ir-rikostruzzjoni tal-karriera (mwettqa wara r-reklutaġġ għal żmien indeterminat mill-Ministeru [għall-Edukazzjoni], kontra l-għalliema b'kuntratt għal żmien determinat tal-iskejjel assimilati, li ma jingħatawx is-suppliment tar-remunerazzjoni marbut mal-anzjanità, li bil-kontra jingħata lill-għalliema b'kuntratt għal żmien determinat tal-iskejjel tal-Istat, komunali, approvati, omologi, issussidjati jew sussidjarji, popolari u tal-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni tal-bniet żgħar, li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-għalliema tal-iskejjel assimilati għal dak li jikkonċerna n-natura tax-xogħol, il-funzjonijiet, is-servizzi u l-obbligi professjonali, kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' taħriġ u ta' impjieg meta mqabbla mal-għalliema tal-iskejjel assimilati stabbiliti bil-Liġi Nru 62/2000, li jwettqu l-istess kompiti u li jakkwistaw, bl-esperjenza

didattika, l-istess kompetenzi fil-qasam mgħallem, l-istess kompetenzi pedagoġiċi, metodoloġiċi u didattiċi, ta' organizzazzjoni u relazzjonali u ta' riċerka bħall-għalliema tal-iskejjel assimilati?

3) Il-kunċett ta' 'ħaddiem kumparabbli permanenti' li jidher fil-[klawżola 4(1) tal-Ftehim qafas], u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni tal-ugwaljanza, tal-ugwaljanza fit-trattament u tan-nondiskriminazzjoni fil-qasam tal-impjieg, stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest tar-rikonoxximent ta' livelli ta' anzjanità, is-servizzi pprovduti fi kwalità ta' impjegat b'kuntratt għal żmien determinat fl-iskejjel assimilati għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħduma fl-iskejjel tal-Istat, fl-iskejjel approvati, fl-iskejjel omologi, fl-iskejjel popolari, fl-iskejjel issussidjati jew sussidjarji, kif ukoll fl-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni ta' bniet żgħar, fejn l-għalliema ta' dawn l-iskejjel tal-aħħar iwettqu l-istess kompiti, għandhom l-istess obbligi professjonali u għandhom l-istess kompetenzi fil-qasam mgħallem, l-istess kompetenzi pedagoġiċi, metodoloġiċi u didattiċi, ta' organizzazzjoni u relazzjonali u ta' riċerka?

4) Fil-każ fejn tiġi kkonstatata l-kontrarjetà tal-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994 mad-[dritt tal-Unjoni], il-valur legali ta' trattat mogħti lill-[Karta] jimponi fuq il-qorti nazzjonali li tħalli mhux applikat is-sors tad-dritt intern inkompatibbli?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel u t-tielet domanda

Fuq l-ammissibbiltà tat-tielet domanda

25 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni Ewropea ssostni, b'mod partikolari, li t-tielet domanda hija inammissibbli sa fejn il-qorti tar-rinviju ma stabbilixxiet ebda rabta bejn l-Artikolu 21 tal-Karta, imsemmi f'din id-domanda, u l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

26 Barra minn hekk, l-imsemmija domanda tirrigwarda d-differenza fit-trattament bejn, minn naħa, l-għalliema impjegati għal żmien determinat fi skejjel assimilati, fis-sens tal-Artikolu 1(2) tal-Liġi Nru 62/2000, u, min-naħa l-oħra, l-għalliema, li huma wkoll impjegati għal żmien determinat, fi skejjel privati li ppreċedew il-ħolqien tal-iskejjel assimilati kif ukoll tal-iskejjel tal-Istat. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ġie implimentat u kkonkretizzat mill-Ftehim qafas biss fir-rigward tad-differenzi fit-trattament bejn il-ħaddiema għal żmien determinat u l-ħaddiema għal żmien indeterminat li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli, bl-esklużjonio ta' differenza fit-trattament bejn ċerti kategoriji ta' persunal għal żmien determinat.

27 F'dan ir-rigward, għandu, fl-ewwel lok, jitqies li, sa fejn l-argument espost fil-punt preċedenti jirrigwarda l-kwistjoni tal-applikabbiltà tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-Ftehim qafas għal differenza fit-trattament bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, din il-problema taqa' taħt il-mertu tat-tielet domanda u mhux taħt l-ammissibbiltà tagħha, b'mod li hemm lok li tiġi eżaminata fil-kuntest tal-eżami tal-mertu ta' din id-domanda (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2024, Consiglio nazionale delle Ricerche, C-439/23, EU:C:2024:773, punt 27 kif ukoll ġurisprudenza ċċitata).

28 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, in-neċessità li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teżiġi li dik il-qorti nazzjonali tosserva bir-reqqa r-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari u li jissemmew b'mod espliċitu fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-qorti tar-rinviju hija meqjusa li għandha għarfien tagħhom (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi, C-561/19, EU:C:2021:799, punt 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

29 Għalhekk, huwa indispensabbli, kif isostni l-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura, li d-deċiżjoni tar-rinviju tkun tinkludi espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi, C-561/19, EU:C:2021:799, punt 69 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

30 F'dan il-każ, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-qorti tar-rinviju esponiet b'mod suffiċjenti r-rabta li hija tistabbilixxi bejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali u l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, u ppreċiżat ir-raġunijiet li għalihom l-interpretazzjoni ta' dawn il-prinċipji jidhrilha li hija neċessarja.

31 Minn dan isegwi li t-tielet domanda hija ammissibbli.

Fuq il-mertu

32 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tal-ewwel u tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob li jiġu interpretati l-klawżola 4 tal-Ftehim qafas kif ukoll il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta.

33 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 21(1) tal-Karta huwa espressjoni speċifika tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u li huwa stabbilit fl-Artikolu 20 tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' April 2024, Dumitrescu *et* vs Il-Kummissjoni u Il-Qorti tal-Ġustizzja, C-567/22 P sa C-570/22 P, EU:C:2024:336, punti 65 u 66).

34 Fir-rigward tad-differenzi fit-trattament bejn il-ħaddiema għal żmien determinat u l-ħaddiema għal żmien indeterminat li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli, dawn il-prinċipji ġew implimentati u kkonkretizzati mid-Direttiva 1999/70, u b'mod partikolari mill-klawżola 4 tal-Ftehim qafas li jinsab fl-anness ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-11 ta' Novembru 2010, Vino, C-20/10, EU:C:2010:677, punt 56, kif ukoll is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2022, Presidenza del Consiglio dei Ministri *et* (Riċerkaturi universitarji), C-40/20 u C-173/20, EU:C:2022:985, punt 87).

35 F'dan il-każ, sa fejn l-ewwel u t-tielet domanda jirrigwardaw tali differenza fit-trattament, dawn għandhom jiġu eżaminati biss fid-dawl ta' din id-direttiva u tal-Ftehim qafas. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Vernaza Ayovi, C-96/17, EU:C:2018:603, punt 20, kif ukoll, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Mejju 2025, Melbán u Sergamo, C-623/23 u C-626/23, EU:C:2025:358, punt 49).

36 Konsegwentement, għandu jitqies li, permezz tal-ewwel u tat-tielet domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix it-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità u tar-remunerazzjoni tal-għalliema waqt ir-reklutaġġ tagħhom għal żmien indeterminat fi skola tal-Istat, ta' perijodi ta' servizz preċedentement imwettqa minn dawn l-għalliema fil-kuntest ta' impjieg għal żmien determinat f'ċerti istituzzjonijiet skolastiċi li l-funzjonament u l-organizzazzjoni tagħhom ma jaqgħux taħt l-Istat, iżda li huma assimilati, skont din il-leġiżlazzjoni, ma' istituzzjonijiet skolastiċi tal-Istat, minkejja li l-imsemmija leġiżlazzjoni tipprevedi li l-perijodi ta' servizz imwettqa mill-għalliema impjegati f'istituzzjonijiet skolastiċi tal-Istat, b'mod partikolari għal żmien indeterminat, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità tagħhom u tar-remunerazzjoni tagħhom.

37 Fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Ftehim qafas għal għalliem li jinsab fis-sitwazzjoni ta' AR, għandu jitfakkar li dan il-ftehim qafas japplika għall-ħaddiema kollha li jipprovdu servizzi remunerati fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg għal żmien determinat li torbothom mal-persuna li timpjegahom. Is-sempliċi fatt li ħaddiem ikun kiseb il-kwalità ta' ħaddiem għal żmien indeterminat ma jeskludix il-possibbiltà għalih li jinvoka, f'ċerti ċirkustanzi, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fil-klawżola 4 tal-Ftehim qafas (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Ottubru 2012, Valenza *et*, C-302/11 sa C-305/11, EU:C:2012:646, punti 33 u 34, kif ukoll tad-19 ta' Settembru 2024, Consiglio nazionale delle Ricerche, C-439/23, EU:C:2024:773, punt 38).

38 Peress li AR isostni quddiem il-qorti tar-rinviju li huwa s-suġġett ta' differenza fit-trattament fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' perijodi ta' tagħlim imwettqa bħala ħaddiem għal żmien determinat, għandu jitqies li l-Ftehim qafas japplika, bħala prinċipju, għal għalliem li jinsab fis-sitwazzjoni ta' AR.

39 Il-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas jipprekludi li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema għal żmien determinat jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema għal żmien indeterminat paragunabbli, għas-sempliċi raġuni li jaħdmu għal żmien determinat, sakemm trattament differenti ma jkunx iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi. Il-punt 4 ta' din il-klawżola jistabbilixxi l-istess projbizzjoni fir-rigward tal-kriterji ta' perijodi ta' anzjanità marbuta ma' kundizzjonijiet partikolari tal-impjieg (sentenza tad-19 ta' Settembru 2024, Consiglio nazionale delle Ricerche, C-439/23, EU:C:2024:773, punt 31).

40 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li regoli dwar il-perijodi ta' servizz li għandhom jitwettqu għall-klassifikazzjoni f'kategorija ta' remunerazzjoni, bħal dawk previsti fl-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994, jaqgħu taħt il-kunċett ta' "kundizzjonijiet tal-impjieg", fis-sens tal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2024, Consiglio nazionale delle Ricerche, C-439/23, EU:C:2024:773, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Dan premess, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 34 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ġie implimentat u kkonkretizzat mill-klawżola 4 tal-Ftehim qafas biss fir-rigward tad-differenzi fit-trattament bejn il-ħaddiema għal żmien determinat u l-ħaddiema għal żmien indeterminat li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli.

42 Fil-fatt, din il-klawżola tapplika l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fir-rigward ta' ħaddiema b'kuntratt għal żmien determinat biss sabiex tiġi prekluża l-possibbiltà li relazzjoni ta' impjieg ta' dan it-tip tintuża minn min jimpjega sabiex iċċaħħad lill-ħaddiema minn drittijiet li huma

rrikonoxxuti lil ħaddiema għal żmien indeterminat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín, C-177/18, EU:C:2020:26, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-15 ta' Diċembru 2022, Presidenza del Consiglio dei Ministri *et* (Riċerkaturi universitarji), C-40/20 u C-173/20, EU:C:2022:985, punt 88).

43 Minn dan isegwi li differenza fit-trattament li hija bbażata fuq kriterju differenti minn dak għal żmien determinat jew indeterminat tar-relazzjoni ta' xogħol ma taqax taħt il-projbizzjoni stabbilita fil-klawżola 4 tal-Ftehim qafas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín, C-177/18, EU:C:2020:26, punti 53 u 54 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

44 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, kif enfasizzat, essenzjalment, l-Avukata Ġenerali fil-punti 32 sa 35 tal-konklużjonijiet tagħha, id-differenza fit-trattament li tirriżulta mill-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994 ma hijiex ibbażata fuq in-natura ddeterminata jew indeterminata tat-tul tar-relazzjoni ta' xogħol iżda fuq in-natura tal-iskola li fiha tkun inkisbet l-esperjenza professjonali mill-ħaddiema kkonċernati.

45 Fil-fatt, mill-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta, minn naħa, li l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' perijodi ta' xogħol imwettqa bħala għalliem għal żmien determinat fi "skola assimilata", fil-kuntest tar-riklassifikazzjoni tal-karriera tal-għalliema mwettqa waqt ir-reklutaġġ tagħhom għal żmien indeterminat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, tirriżulta mill-assenza ta' indikazzjoni ta' "skejjel assimilati" f'dan l-Artikolu 485.

46 Għaldaqstant, l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' perijodi ta' xogħol imwettqa bħala għalliem fi skola assimilata tikkonċerna kemm ix-xogħol imwettaq għal żmien determinat kif ukoll ix-xogħol imwettaq għal żmien indeterminat f'dawn l-iskejjel.

47 Dan il-fatt huwa, barra minn hekk, ikkonfermat mir-rikorrent fil-kawża prinċipali stess, li jsostni, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, li d-dritt nazzjonali la jippermetti t-teħid inkunsiderazzjoni "tas-servizz imwettaq għal żmien determinat u lanqas ta' dak ipprovdut għal żmien indeterminat fl-iskejjel assimilati".

48 Min-naħa l-oħra, mill-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta wkoll, essenzjalment, li, minbarra l-fatt li d-dritt nazzjonali jipprevedi li x-xogħol imwettaq mill-għalliema għal żmien indeterminat fi skejjel tal-Istat u l-anzjanità korrispondenti huma riflessi fir-remunerazzjoni tagħhom, l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994 jippermetti t-teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi ta' xogħol imwettqa bħala għalliem għal żmien determinat f'dawn l-iskejjel, fil-kuntest tar-riklassifikazzjoni tal-karriera ta' dawn l-għalliema tal-aħħar fil-mument tar-reklutaġġ tagħhom għal żmien indeterminat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni.

49 F'dawn iċ-ċirkustanzi, anki kieku kellu jitqies li l-għalliema li kienu ġew impjegati għal żmien determinat fl-iskejjel "assimilati", fis-sens tal-Artikolu 1(2) tal-Liġi Nru 62/2000, qabel ma ġew irreklutati għal żmien indeterminat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, u l-għalliema impjegati għal żmien indeterminat fl-iskejjel tal-Istat jaħdmu "fl-istess istituzzjoni", fis-sens tal-punt 2 tal-klawżola 3 tal-Ftehim qafas, u li dawn iż-żewġ gruppi ta' ħaddiema jinsabu, fid-dawl tal-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, f'sitwazzjonijiet paragunabbli, b'tali mod li dawn l-aħħar għalliema jistgħu jiġu kklassifikati bħala "ħaddiema għal żmien indeterminat paragunabbli", fis-sens ta' dan il-punt 2 tal-klawżola 3, għandu jitqies li differenza fit-trattament bħal dik li tirriżulta mill-Artikolu 485 ta' dan id-digriet leġiżlattiv ma taqax taħt il-projbizzjoni stabbilita fil-klawżola 4 ta' dan il-ftehim qafas.

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel u għat-tielet domanda għandha tkun li l-klawżola 4 tal-Ftehim qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix it-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità u tar-remunerazzjoni tal-għalliema waqt ir-reklutaġġ tagħhom għal żmien indeterminat f'istituzzjoni skolastika tal-Istat, ta' perijodi ta' servizz imwettqa preċedentement minn dawn l-għalliema fil-kuntest ta' impjieg għal żmien determinat jew għal żmien indeterminat f'ċerti istituzzjonijiet skolastiċi li l-funzjonament u l-organizzazzjoni tagħhom ma jaqgħux taħt l-Istat, iżda li huma assimilati, skont din il-leġiżlazzjoni, ma' istituzzjonijiet skolastiċi tal-Istat, minkejja li l-imsemmija leġiżlazzjoni tipprevedi li l-perijodi ta' servizz imwettqa mill-għalliema impjegati fl-istituzzjonijiet skolastiċi tal-Istat, b'mod partikolari għal żmien indeterminat, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità tagħhom u tar-remunerazzjoni tagħhom.

Fuq it-tieni domanda

51 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni fil-qasam tal-impjieg, sanċiti b'mod partikolari mill-KEDB u mill-Karta Soċjali Ewropea. Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta l-KEDB (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Frar 2022, Bezirkshauptmannschaft Hartberg-Fürstenfeld (Terminu ta' preskrizzjoni), C-219/20, EU:C:2022:89, punt 15 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata) u l-Karta Soċjali Ewropea (sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, CU u ND (Assistenza soċjali – Diskriminazzjoni indiretta), C-112/22 u C-223/22, EU:C:2024:636, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

52 Minn dan isegwi li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar it-tieni domanda sa fejn din tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-KEDB u tal-Karta Soċjali Ewropea.

53 Barra minn hekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 28 u 29 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat, kif għamlet il-Kummissjoni, li l-qorti tar-rinviju ma esponietx bil-preċiżjoni u biċ-ċarezza meħtieġa r-raġunijiet li għalihom hija tqis li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 157 TFUE kif ukoll tad-Direttivi 2000/43 u 2000/78 jidhrilha li hija neċessarja jew utli għall-finijiet tas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali, u lanqas ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għal din it-tilwima.

54 Għaldaqstant, it-tieni domanda hija inammissibbli sa fejn tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 157 TFUE kif ukoll tad-Direttivi 2000/43 u 2000/78.

55 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, sanċiti fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix it-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità u tar-remunerazzjoni tal-għalliema waqt ir-reklutaġġ tagħhom għal żmien indeterminat fi ħdan istituzzjoni skolastika tal-Istat, ta' perijodi ta' servizz imwettqa preċedentement minn dawn l-għalliema meta kienu impjegati għal żmien determinat f'ċerti stabbilimenti skolastiċi li l-funzjonament u l-organizzazzjoni tagħhom ma jaqgħux taħt l-Istat, iżda li huma assimilati, skont din il-leġiżlazzjoni, ma' istituzzjonijiet skolastiċi tal-Istat, minkejja li

l-imsemmija leġiżlazzjoni tipprevedi t-teħid inkunsiderazzjoni, għal dawn l-istess finijiet, ta' perijodi ta' servizz imwettqa mill-imsemmija għalliema meta dawn kienu impjegati għal żmien determinat f'istituzzjonijiet skolastiċi oħra, b'mod partikolari, dawk tal-Istat.

56 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, meta sitwazzjoni legali ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tagħha u d-dispożizzjonijiet possibbilment invokati tal-Karta ma jistgħux, fihom infushom, jistabbilixxu dik il-ġurisdizzjoni (sentenza tal-24 ta' Frar 2022, Viva Telecom Bulgaria, C-257/20, EU:C:2022:125, punt 128 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tal-Karta huma indirizzati, abbażi tal-Artikolu 51(1) tagħha, lill-Istati Membri biss meta dawn jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. L-Artikolu 6(1) TUE kif ukoll l-Artikolu 51(2) tal-Karta jispeċifikaw li din tal-aħħar la testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea, la toħloq kompetenza ġdida jew kompitu ġdid għall-Unjoni u lanqas ma timmodifika l-kompetenzi u l-kompiti ddefiniti fit-Trattati. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, fid-dawl tal-Karta, tinterpreta d-dritt tal-Unjoni fil-limiti tal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha (sentenza tas-17 ta' Marzu 2021, Consulmarketing, C-652/19, EU:C:2021:208, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-kunċett ta' "implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, jippreżupponi l-eżistenza ta' rabta ta' konnessjoni bejn att tad-dritt tal-Unjoni u l-miżura nazzjonali inkwistjoni, li tmur lil hinn mill-affinità bejn l-oqsma inkwistjoni jew l-effetti indiretti ta' wieħed mill-oqsma fuq l-ieħor (sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín, C-177/18, EU:C:2020:26, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura nazzjonali taqax taħt l-"implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, hemm lok li jiġi vverifikat, fost fatturi oħra, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni għandhiex bħala għan li timplimenta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, in-natura ta' din il-leġiżlazzjoni u jekk hija għandhiex għanijiet oħra minbarra dawk koperti mid-dritt tal-Unjoni, anki jekk tista' taffettwa indirettament lil dan tal-aħħar, kif ukoll jekk teżistix leġiżlazzjoni tad-dritt tal-Unjoni speċifika dwar il-qasam jew leġiżlazzjoni li tista' taffettwah (sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Baldonedo Martín, C-177/18, EU:C:2020:26, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-eżami tal-ewwel u tat-tielet domanda preliminari, il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994, peress li d-differenza fit-trattament li tagħmel din id-dispożizzjoni nazzjonali ma hijiex ibbażata fuq in-natura determinata jew indeterminata tat-tul tar-relazzjoni ta' xogħol tal-ħaddiema kkonċernati. Kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tagħha, ma hemmx għaldaqstant rabta diretta bejn l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 485 u l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stabbilita f'din il-klawżola.

61 Barra minn hekk, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li l-imsemmi Artikolu 485 għandu rabta ma' kwalunkwe dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni.

62 Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax titqies li "timplimenta d-dritt tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

63 Konsegwentement, id-differenza fit-trattament li tagħmel il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax tiġi evalwata fid-dawl tal-garanziji tal-Karta u, b'mod partikolari, tal-Artikoli 20 u 21 tagħha.

64 F'dawn il-kundizzjonijiet, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għat-tieni domanda.

Fuq ir-raba' domanda

65 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq din il-qorti l-obbligu li ma tapplikax l-Artikolu 485 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 297/1994 fil-każ fejn din id-dispożizzjoni nazzjonali titqies li hija inkompatibbli ma' dan id-dritt.

66 Fid-dawl tar-risposti mogħtija lill-ewwel sat-tielet domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għar-raba' domanda.

Fuq l-ispejjeż

67 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP,

għandha tiġi interpretata fis-sens li:

ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix it-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità u tar-remunerazzjoni tal-għalliema waqt ir-reklutaġġ tagħhom għal żmien indeterminat f'istituzzjoni skolastika tal-Istat, ta' perijodi ta' servizz imwettqa preċedentement minn dawn l-għalliema fil-kuntest ta' impjieg għal żmien determinat jew għal żmien indeterminat f'ċerti istituzzjonijiet skolastiċi li l-funzjonament u l-organizzazzjoni tagħhom ma jaqgħux taħt l-Istat, iżda li, skont din il-leġiżlazzjoni, huma assimilati ma' istituzzjonijiet skolastiċi tal-Istat, minkejja li l-imsemmija leġiżlazzjoni tipprevedi li l-perijodi ta' servizz imwettqa mill-għalliema impjegati fl-istituzzjonijiet skolastiċi tal-Istat, b'mod partikolari għal żmien indeterminat, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-anzjanità tagħhom u tar-remunerazzjoni tagħhom.

Firem